# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 179/2024 JPG**
**Kawza nru.: 25**

**RC**
**Vs**
**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 10 ta' April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena 1998 fil-Knisja ta' San Girgor, Tas-Sliema, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 1956/1998 (Vide Dok 'A');*

2. *Illi minn dan z-zwieg twieldet tifla wahda bl-isem ta' "K" li llum ghandha X-il sena u ghalhekk hija maggjorenni b'dan illi hija gradwat u qed tahdem fuq bazi full-time;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena 2016 fl-Atti tan-Nutar Marco Buttigieg (Vide Dok 'B') u cioe circa seba' snin ilu;*

4. *Illi l-partijiet kienu ilhom separati de facto ferm qabel id-data tal-kuntratt de quo u dana mill-inqas minn sena qabel tali data;*

5. *Illi ma hemmx dubbju illi z-zwieg taghhom m'huwiex rekuperabbli u ma' hemm l-ebda prospettiva ragjonevoli illi l-partijiet jergghu jirrikonciljaw u kull wiehed minnhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi r-rikorrenti jiddikjara illi skont il-kuntratt de quo ma ghandu l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment versu l-intimata ghall-bzonnijiet personali taghha;*

7. *Illi lanqas ma ghad fadal obbligi ta' manteniment versu t-tifla 'Kaya' minhabba c-cirkostanzi su-spjegati;*

8. *Illi ghalhekk skont ir-rikorrenti hemm l-elementi kollha preskritti mil-ligi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall ta' dan iz-zwieg;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 13**) illi il-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Novembru 1998 u

minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt datat 1 ta’ Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg. Di piu’, ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 14)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> **66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.**
>
> **(… omissis)**
>
> **66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:**
>
> **(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:**
>
> **Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew**
>
> **(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu**

**separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u**

**(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u**

**(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:**

**Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:**

**Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:**

**Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.**

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Novembru 1998 liema zwieg jgib certifikat numru 2114/1998 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg nhar l-1 ta' Novembru 2016 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2114/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**